**83. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi**:

1. Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar:

(a) l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurta' Nazzjonali";

(b) l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar l-Għajnuna Nazzjonali";

(c) l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet tax-Xjuħ";

(d) L-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg";

(e) l-Estimi Supplimentari 1977/78 u l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni.

2. Illi dawn il-ħames abbozzi ta' liġi jkunu eżentati mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti 94), u jkunu kollha dikjarati urġenti u aktar minn stadju wieħed ta' aktar minn abbozz ta' liġi wieħed jista' jittieħed fl-istess seduta (Ref. Ordni Permanenti 93).

3. Illi dawn il-ħames abbozzi ta' liġi, flimkien mal-proċedura kollha dwar l-Estimi Supplimentari, jiġifieri –

(a) il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għal konsiderazzjoni ta' Estimi Supplimentari ta' Nefqa għas-sena finanzjarja 1977/78;

(b) il-Kumitat ta' Provvista;

(c) ir-Riżoluzzjoni li tawtorizza n-Nefqa;

(d) l-Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni

m'għandhomx jieħdu aktar minn ħames seduti biex jgħaddu mill-istadji tagħhom kollha.

4. Illi fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tal-ħames seduta, issir mingħajr diskussjoni, kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex tintemm il-proċedura kollha dwar l-estimi supplimentari u biex dawn l-abbozzi jgħaddu mill-istadji tagħhom kollha.

Iżda, anke jekk ikun għadda l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, jew klawsoli ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni.

5. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu f'dawn il-ħames seduti, jittieħdu fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li tkun, u minbarra l-ewwel votazzjoni li tittieħed wara għaxar minuti wara l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, dawn il-votazzjonijiet jittieħdu kollha wara xulxin mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta.

6. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu wara l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tal-ħames seduta, minbarra l-ewwel votazzjoni li tittieħed għaxar minuti wara li tintalab, jittieħdu kollha minnufih li jintalbu, mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta bejn il-ħin li fih tintalab u l-ħin li fih tittieħed il-votazzjoni (Ref. Ordni Permanenti 84).

29.09.1977